IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.2.2024
COM(2024) 35 final

2024/0044 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mid-Danimarka – EGF/2023/004 DK Danish Crown

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[1].

2. Fis-6 ta' Diċembru 2023, id-Danimarka ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2023/004 DK/Danish Crown għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG wara s-sensji minn Danish Crown[2] u minn żewġ fornituri u produtturi downstream fid-Danimarka.

3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament (UE) 2021/691, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2023/004 DK/Danish Crown
Stat Membru	Id-Danimarka
Reġjun(i) ikkonċernat(i) (il-livell NUTS[3] 2)	Nordjylland (DK05)
Data meta tressqet l-applikazzjoni	Is-6 ta' Diċembru 2023
Data tal-konferma li l-applikazzjoni waslet	L-20 ta' Diċembru 2023
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	L-20 ta' Diċembru 2023
Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	Il-15 ta' Jannar 2024
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	Il-25 ta' Marzu 2024
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691
Intrapriża primarja	Danish Crown
Settur(i) ta' attività ekonomika (Id-Diviżjoni NACE Reviżjoni 2)[4]	Diviżjoni 10 (Manifattura ta' prodotti tal-ikel)
Għadd ta' sussidjarji, fornituri u produtturi downstream	2
Perjodu ta' referenza (4 xhur):	Mid-19 ta' Mejju 2023 sad-19 ta'

[1] ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

[2] Danish Crown (Danish Crown A/S u DAT-Schaub A/S)

[3] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

[4] ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

	Settembru 2023
Għadd ta’ sensji matul il-perjodu ta’ referenza (*a*)	692
Għadd ta’ sensji qabel jew wara l-perjodu ta’ referenza (*b*)	59
Għadd totali ta’ sensji (*a* + *b*)	751
Għadd totali ta’ benefiċjarji eliġibbli	751
Għadd totali ta’ benefiċjarji fil-mira	390
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	2 878 001
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG[5] (EUR)	259 020
Baġit totali (EUR)	3 137 021
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	1 882 212

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Fis-6 ta’ Diċembru 2023, id-Danimarka ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2023/004 DK/Danish Crown fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta’ intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691. Fl-20 ta’ Diċembru 2023, il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni u talbet informazzjoni addizzjonali mid-Danimarka. Din l-informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien 15-il jum ta’ xogħol. L-iskadenza ta’ 50 jum ta’ xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni mimlija li l-Kummissjoni għandha biex tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta’ kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fil-25 ta’ Marzu 2024.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriżi u benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni tikkonċerna 692 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom twaqqfet minn Danish Crown (Danish Crown A/S) u minn żewġ fornituri u produtturi downstream. L-intrapriża primarja topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-diviżjoni 10 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta’ prodotti tal-ikel). Is-sensji mogħtija mill-intrapriża primarja jinsabu fir-reġjun NUTS 2 ta’ Nordjylland (DK05).

Intrapriżi u għadd ta’ sensji matul il-perjodu ta’ referenza		
Danish Crown (Danish Crown A/S u DAT-Schaub A/S)		651
TekniClean A/S		37
Amministrazzjoni Veterinarja u Alimentari tad-Danimarka		4
Għadd totali ta’ intrapriżi: 3	**Għadd totali ta’ sensji:**	**692**

Kriterji ta’ intervent

6. Id-Danimarka ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterji ta’ intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta’ mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta’ referenza ta’ 4 xhur f’intrapriża fi

[5] F’konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691.

Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati minn fornituri u produtturi downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom u li l-attività tagħhom waqfet.

7. Il-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur għall-applikazzjoni huwa bejn id-19 ta' Mejju 2023 sad-19 ta' Settembru 2023.

8. Il-waqfien tal-attività matul il-perjodu ta' referenza seħħ kif ġej:

   – 651 ħaddiem issensjat minn Danish Crown, u

   – 41 ħaddiem issensjat minn żewġ fornituri u produtturi downstream ta' Danish Crown.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

9. Skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-waqfien tal-attivitajiet tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza ġie kkalkolat kif ġej:

   – 651 mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt ta' impjieg jew l-iskadenza tiegħu,

   – 41 mid-data meta ntemmet l-attività tal-impriża utenti.

Benefiċjarji eliġibbli

10. Minbarra l-ħaddiema li diġà ssemmew, il-benefiċjarji eleġibbli jinkludu 59 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet qabel jew wara l-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur. Dawn il-ħaddiema waqqfu l-attività tagħhom fi żmien 6 xhur qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza fid-19 ta' Mejju 2023 u/jew bejn tmiem il-perjodu ta' referenza u l-jum qabel l-adozzjoni ta' din il-proposta, skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691, kif meħtieġ mill-Artikolu 6, it-tieni paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691. Tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-event li wassal għall-waqfien tal-attività tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza kif meħtieġ mill-Artikolu 6, it-tieni paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

11. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 751.

Deskrizzjoni tal-eventi li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività

12. Danish Crown huwa grupp ta' kumpaniji tal-ikel Daniżi involuti fit-tbiċċir, l-ipproċessar u l-bejgħ prinċipalment tal-majjal u taċ-ċanga. Dak li wassal għal dawn is-sensji huwa l-għeluq tal-biċċerija ta' Danish Crown f'Sæby fil-Muniċipalità ta' Frederikshavn wara li naqsu l-ħnieżer disponibbli għall-iskarnar.

13. Is-settur Daniż tal-iskarnar jinsab fi kriżi strutturali. Mill-2005, l-għadd ta' ħnieżer skarnati fid-Danimarka naqas b'4,4 miljuni (20 %). It-tnaqqis huwa dovut l-aktar għall-bidla mit-trobbija tal-ħnieżer għall-iskarnar, għat-trobbija tal-qżieqeż għall-esportazzjoni. L-esportazzjoni tal-qżieqeż hija aktar profittabbli għall-bdiewa Daniżi mit-tismin tal-ħnieżer minħabba l-prezzijiet baxxi tal-majjal.

14. L-għadd ta' ħnieżer skarnati ilu jonqos b'mod parallel maż-żieda tal-qżieqeż esportati. Id-Danimarka esportat 13,8-il miljun qażquż fl-2022, li jfisser 380 % aktar mill-2005 (3,65 miljun qażquż). Il-biċċa l-kbira tal-esportazzjonijiet marru lejn il-Ġermanja (41,3 %) u l-Polonja (45 %). Il-Ġermanja u l-Polonja ilhom diversi snin għaddejjin bid-deni Afrikan tal-Ħnieżer u għalhekk ma setgħux irabbu biżżejjed ħnieżer biex jissodisfaw id-domanda domestika tagħhom.

15. Id-domanda lokali ftit li xejn tixprunaha l-produzzjoni Daniża tal-majjal. Danish Crown tesporta 90 % tal-produzzjoni tagħha lis-suq Ewropew kif ukoll lis-swieq taċ-Ċina u tal-Istati Uniti.

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u tal-impjiegi

16. Is-saħħa ekonomika tat-Tramuntana ta' Jutland, li hija bbażata fuq il-manifattura, illum il-ġurnata qed tiżviluppa permezz tal-ICT intelliġenti u d-diġitalizzazzjoni, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik tal-enerġija, l-ekonomija marittima u s-sajd, kif ukoll it-turiżmu. Fit-Tramuntana ta' Jutland, 67 % tal-impijiegi huma fis-settur privat u 33 % fis-settur pubbliku f'konformità mal-medja tal-pajjiż[6].

17. Mill-kriżi finanzjarja tal-2008, l-għadd ta' impjiegi marbuta mal-industrija u l-produzzjoni fil-muniċipalità ta' Frederikshavn naqas b'2,026 unità (36 %). Għalkemm dan it-tnaqqis huwa parti minn tendenza li dehret fid-Danimarka kollha, fejn fil-perjodu 2008-2023 intilfu 35,388 (11 %) impjieg marbuta mal-industrija u l-produzzjoni, it-tnaqqis fil-muniċipalità ta' Frederikshavn kien tliet darbiet akbar. It-tnaqqis nett fl-impjiegi disponibbli fir-reġjun kien 664 (2 %) matul il-perjodu 2011-2021. Għalhekk, l-impjiegi mitlufa minħabba l-għeluq tal-biċċerija Danish Crown qed joħolqu tħassib kbir.

18. Ir-rata tal-impjieg fit-Tramuntana ta' Jutland (76,5 %) hija 1,1 punt perċentwali inqas mill-medja nazzjonali. Għalkemm il-qgħad fit-Tramuntana ta' Jutland huwa baxx (3,1 % f'Awwissu 2023), huwa kemxejn ogħla mill-medja nazzjonali (2,8 %). Barra minn hekk, l-għadd ta' persuni qiegħda fir-reġjun żdied b'10 % fl-2023 meta mqabbel mal-2022[7]. L-ebda muniċipalità ma rnexxielha teħlisha. It-tkabbir fil-qgħad għandu preġudizzju relatat mal-ġeneru: filwaqt li l-qgħad fost l-irġiel żdied b'20 %, l-għadd ta' nisa qiegħda baqa' l-istess.

19. L-iżbilanċi bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol reġjonali jżidu d-diffikultajiet meta wieħed ikollu bżonn jimpjega l-ħaddiema. L-irġiel prinċipalment jaħdmu fis-settur privat b'maġġoranza sproporzjonata fl-agrikoltura, l-industrija u l-artiġjanat, filwaqt li hemm maġġoranza sproporzjonata ta' nisa fl-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-kultura u d-divertiment[8]. Rendikont tal-ġeneru tal-ħaddiema ssenjati minn Danish Crown jixhed dan l-iżbilanċ (86 % irġiel u 14 % nisa).

20. Skont l-analiżi ta' FremKom4 [9], hemm nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati fit-Tramuntana ta' Jutland, kemm fil-qasam tekniku (it-tranżizzjoni ekoloġika) kif ukoll fl-oqsma tal-kura, tas-saħħa u tal-pedagoġija (protezzjoni soċjali). Sal-2026, id-defiċit huwa stmat li se jiżdied u jilħaq l-1 906 ħaddiem kwalifikati fil-qasam tekniku u 946 ħaddiem kwalifikati fl-oqsma tal-kura, tas-saħħa u tal-pedagoġija. L-analiżi ta'

---

6 Sors: Statbanken, RAS209, RAS305

7 Sors: Statbanken, AUP01

8 Sors: Statistika tad-Danimarka

9 FremKom4 huwa proġett strateġiku li jiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-ħiliet u l-isfidi fil-ġejjieni fit-Tramuntana ta' Jutland fil-5 snin li ġejjin, biex jiġu żgurati impjiegi kwalifikati u żvilupp kontinwu pożittiv fir-Reġjun.
Permezz tal-analiżi ta' FremKom4, l-intraprizi u l-organizzazzjonijiet jiksbu għarfien ġdid dwar il-ħtiġijiet futuri tal-kompetenzi għall-impjegati u l-maniġers fit-Tramuntana ta' Jutland li jistgħu jintużaw biex jitnedew inizjattivi kif ukoll jitfasslu l-edukazzjoni u t-taħriġ ħalli jittejbu l-ħiliet tal-impjegati għas-suq tax-xogħol tal-ġejjieni fir-reġjun.

FremKom4[10] intużat biex jitfassal il-pakkett ta' miżuri li għandhom jiġu offruti lill-ex ħaddiema ta' Danish Crown.

Applikazzjoni tal-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar (QFR)

21. Id-Danimarka ddeskriviet kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar: Danish Crown kienet konformi mal-liġi Daniża dwar is-sensji kollettivi, li tistabbilixxi proċedura obbligatorja għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Bis-saħħa tal-proċedura tista' tiġi esplorata kull possibbiltà biex jiġi evitat jew jitnaqqas l-għadd ta' sensji. Eżatt wara d-deċiżjoni li jingħalaq is-sit ta' Sæby, il-maniġment tal-intrapriża u r-rappreżentanti tal-impjegati bdew jinnegozjaw pjan soċjali, li jinkludi offerti għal rikollokament f'siti oħra ta' Danish Crown, konsulenza individwali, intervisti għal impjieg u taħriġ, u allowances għar-rilokazzjoni għal dawk li ntbagħtu f'biċċerija oħra ta' Danish Crown. F'Mejju 2023, saret fiera tal-karrieri interna li ffukat fuq madwar 400 impjieg intern f'Danish Crown, segwita bi żjara bil-kowċ lejn biċċeriji oħra ta' Danish Crown fid-Danimarka.

22. Danish Crown tikkontribwixxi wkoll miljun krona Daniża (madwar EUR 134 050) għas-sehem tal-kofinanzjament nazzjonali tal-kost tal-miżuri.

23. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa biex jiġu assistiti l-ħaddiema ssenjati, id-Danimarka rrapportat li l-appoġġ lill-ħaddiema beda ftit wara s-sensji, f'Ottubru 2023. Ġew organizzati fieri tal-impjiegi u fieri edukattivi. Il-ħaddiema ssensjati ġew offruti wkoll valutazzjonijiet tal-kompetenzi (*realkompetencevurdering-RKV*) u taħriġ għat-tiftix ta' impjieg.

Komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

24. Id-Danimarka kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn taħt li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhumiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

25. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa l-appoġġ standard mogħti mill-uffiċċji pubbliċi tal-impjiegi ffinanzjati minn fondi oħra nazzjonali jew tal-UE.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew tas-sħab soċjali kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

26. Id-Danimarka indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mat-trade union NNF, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691. Is-sett ta' miżuri ġie miftiehem fil-laqgħa li saret fit-23 ta' Ottubru 2023.

27. L-applikazzjoni tħejjiet f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-muniċipalità ta' Frederikshavn, l-Aġenzija Daniża għas-Suq tax-Xogħol u r-Reklutaġġ, u l-Kunsill tas-Suq tax-Xogħol tat-Tramuntana tad-Danimarka. Il-muniċipalità ta' Frederikshavn organizzat laqgħa mal-istituzzjonijiet edukattivi rilevanti li jistgħu jkunu involuti fit-taħriġ għat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet biex l-offerta tiġi allinjata mal-ħtiġijiet u l-aspettattivi.

[10] https://oxfordresearch.dk/publications/fremkom4/

Benefiċjarji fil-mira u miżuri proposti

Benefiċjarji fil-mira

28. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa 390. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/691, id-diżaggregazzjoni pprovduta ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell ta' edukazzjoni hija kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji mistennija	
Ġeneru:	Irġiel:	335	(85,90 %)
	Nisa:	55	(14,10 %)
	Mhux binarji	0	(0,0 %)
Grupp ta' età:	Taħt it-30 sena:	39	(10,00 %)
	30-54 sena:	275	(70,51 %)
	Iktar minn 54 sena:	76	(19,49 %)
Livell ta' edukazzjoni	Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas[11]	156	(40,00 %)
	Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell [12] jew postsekondarja[13]	214	(54,87 %)
	Edukazzjoni terzjarja[14]	20	(5,13 %)

Miżuri proposti

29. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-pakkett ikkoordinat personalizzat li għandu jiġi pprovdut lill-ħaddiema ssensjati jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin:

– Motivazzjoni: L-ewwel miżura hija taħlita ta' informazzjoni, motivazzjoni, u konsulenza, flimkien mat-tfassil ta' profil tal-ħaddiema. L-għan ewlieni tal-proċess ta' motivazzjoni huwa li jiżviluppa l-kunfidenza tal-parteċipanti fil-kapaċitajiet tagħhom stess, iġibhom konxji li t-titjib ta' ħiliethom se jgħinhom jiksbu impjieg ġdid, jiddiskutu l-ostakli possibbli li jistgħu jxekklu t-titjib ta' ħiliethom u flimkien isibu soluzzjonijiet biex jegħlbu dawn l-ostakli.

– Żamma: L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tinżamm il-motivazzjoni għall-parteċipazzjoni f'perkorsi edukattivi u titjib tal-ħiliet billi tappoġġa lill-

11 ISCED 0-2
12 ISCED 3
13 ISCED 4
14 ISCED 5-8

ħaddiema ssensjati permezz ta' mentoraġġ u pariri individwali, tgħinhom jegħlbu l-isfidi u jimminimizzaw l-ostakli.

– Taħriġ dwar il-kompetenzi ġenerali: L-att Daniż dwar l-Isforzi għall-Impjiegi Attivi jistipula li l-ħaddiema ssensjati għandhom jiġu offruti taħriġ fil-qari, fil-kitba u fl-aritmetika, kif taħriġ dwar id-dislessija, jekk ikun meħtieġ. Għalhekk, it-taħriġ joffri parti mill-pakkett tal-FEG, u jsaħħaħ it-taħriġ bażiku previst mil-liġi u jiffoka fuq l-edukazzjoni ġenerali għall-adulti li permezz tagħha jkun possibbli suġġett wieħed jew aktar fil-livell tal-iskola primarja, kif ukoll il-ħiliet lingwistiċi bid-Daniż. It-taħriġ bid-Daniż huwa partikolarment rilevanti peress li 41 % tal-ħaddiema ssensjati ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni[15] u mhumiex fluwenti bid-Daniż. Huwa wkoll previst taħriġ fil-ħiliet diġitali u taħriġ ad-hoc imfassal għall-ex ħaddiema ta' Danish Crown. It-taħriġ adattat huwa taħlita ta' taħriġ lingwistiku u appoġġ orjentat lejn l-impjiegi (inkluż it-tiftix ta' impjieg) biex jgħin lill-parteċipanti jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi tax-xogħol u jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol.

– Taħriġ għat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet. Il-profili tal-ħaddiema ssensjati ma jikkorrispondux mal-ħiliet imfittxija fis-suq tax-xogħol. Il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema għandhom livelli baxxi ta' kwalifiki formali (46 %) jew kwalifiki u ħiliet pjuttost mhux aġġornati (40 %). Ħafna mill-ħaddiema b'edukazzjoni primarja biss jappartjenu għall-grupp ta' età bejn it-30 u d-39 sena, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema b'edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali (VET) bħala l-ogħla livell edukattiv jappartjenu għall-grupp ta' età bejn il-50 u d-59 sena. L-offerta ta' taħriġ tinkludi perkorsi iqsar għat-titjib tal-ħiliet (taħriġ AMU) u taħriġ vokazzjonali bbażat fuq valutazzjoni tal-kompetenza (RKV) li tiċċertifika kwalunkwe kompetenza miksuba fis-sistema edukattiva formali, fuq il-post tax-xogħol jew permezz ta' taħriġ kontinwu. L-AMU jiffoka fuq it-taħriġ ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet u tkopri l-biċċa l-kbira tas-snajja', tal-industriji, u tas-servizzi. L-offerta tal-AMU tvarja minn korsijiet introduttorji għal korsijiet speċjalizzati ħafna. It-taħriġ jingħata f'sessjonijiet ta' ħidma li jixbhu l-ambjent tax-xogħol tal-intrapriżi.

– Allowance għat-taħriġ/tfittix tax-xogħol. Il-ħaddiema se jirċievu allowance waqt li jkunu qed jitħarrġu jew ifittxu impjieg.

30. L-offerta ta' taħriġ tfasslet b'kunsiderazzjoni ta' diversi studji bħal Jobbarometer 2023 (analiżi tal-ħtiġijiet tax-xogħol lokali fil-Muniċipalitajiet ta' Frederikshavn, Hjørring, Jammerbugt u Brønderslev), il-Bilanċ Biennali tas-Suq tax-Xogħol li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-opportunitajiet possibbli ta' impjiegi, u l-analiżi ta' FremKom4 dwar il-ħiliet. Għandha l-għan li ssaħħaħ il-kompetenzi diġitali (inkluż il-lingwa u n-numri), il-kompetenzi diġitali u t-titjib tal-ħiliet għal impjiegi b'nuqqas ta' ħiliet. Għalhekk, il-kontenut tal-offerta ta' taħriġ jindirizza t-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, kif meħtieġ mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/691.

31. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jinkludu miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol fl-ambitu tal-azzjonijiet eliġibbli, stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691. Dawn l-azzjonijiet ma jiħdux post il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

[15] 305 ħaddiem issensjati ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni: 47 ġejjin minn pajjiżi tal-UE u 258 minn pajjiżi mhux tal-UE (139 (54 %) mill-Eritrea, 67 (26 %) mill-Myanmar, u t-52 (20 %) li jifdal minn diversi pajjiżi).

32. Id-Danimarka pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar miżuri li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. F'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, id-Danimarka kkonfermat li dawn il-miżuri mhumiex se jiġu sostitwiti b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG.

Bagit stmat

33. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 3 137 021, li jinkludu nefqa ta' EUR 2 878 001 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 259 020 għal attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.

34. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba biex tingħata mill-FEG hija ta' EUR 1 882 212 (60 % tal-kostijiet totali).

35. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2021/691, id-Danimarka speċifikat li l-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti mill-Awtorità tan-Negozju tad-Danimarka, flimkien mal-muniċipalitajiet ta' Frederikshavn, Aalborg, Hjørring u Brønderslev, u Danish Crown.

Miżuri	Għadd stmat ta' parteċipanti	Kost stmat għal kull parteċipant *(EUR)*[16]	Kostijiet totali stmati *(EUR)*[17]
Servizzi personalizzati (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691)			
Motivazzjoni	75	3 200	240 000
Żamma	75	1 200	90 000
Taħriġ dwar il-kompetenzi ġenerali	85	10 667	906 667
Taħriġ għat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet	170	3 733	634 667
Subtotal (a): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati	–		1 871 334 (65,02 %)
Allowances u inċentivi (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691)			
Allowance għat-taħriġ/tiftix ta' impjieg	390	2 581	1 006 667
Subtotal (b):	–		1 006 667

[16] Biex jiġu evitati d-deċimali, il-kostijiet stmati għal kull ħaddiem ġew ittondjati. Madankollu, l-ittondjar ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura, li jibqa' bħalma hemm fl-applikazzjoni ppreżentata mid-Danimarka.

[17] It-totali ma jaqblux minħabba l-ittondjar.

Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		(34,98 %)
Attivitajiet fl-ambitu tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691		
1. Attivitajiet ta' tħejjija	–	38 853
2. Ġestjoni	–	129 510
3. Informazzjoni u pubbliċità	–	51 804
4. Kontroll u rapportar	–	38 853
Subtotal (c): Perċentwal tal-kostijiet totali:	–	259 020 (8,26 %)
Kostijiet totali (a + b + c):	–	3 137 021
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-kostijiet totali)	–	1 882 212

36. Il-kostijiet tal-miżuri identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/691 ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati. Id-Danimarka kkonfermat li dawn il-miżuri huma kundizzjonali għall-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg jew attivitajiet ta' taħriġ.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

37. Id-Danimarka bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fis-16 ta' Ottubru 2023. Għalhekk, in-nefqa relatata mal-miżuri se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mis-16 ta' Ottubru 2023 sa 24 xahar wara d-data meta tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

38. Id-Danimarka bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva biex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Ġunju 2023. Għalhekk, in-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Ġunju 2023 sa 31 xahar wara d-data meta tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

39. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll meħtieġa skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/691, li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi ġestita u kkontrollata mill-istess korpi bħal dawk tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, li għandu wkoll l-Awtorità Daniża tal-Bini u l-Intrapriżi bħala Awtorità ta' Ġestjoni. L-Awtorità tal-Awditjar se tkun l-awtorità tal-awditjar tal-Awtorità Daniża tan-Negozju għall-Fond Reġjonali Ewropew u l-Fond Soċjali Ewropew Plus. Il-Muniċipalità ta' Frederikshavn se tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Daniżi se jikkonkludu ftehim ta' impenn mal-Muniċipalità ta' Frederikshavn.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

40. Id-Danimarka tat l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:

– il-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,

– ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi jkunu ġew issodisfati,

– Danish Crown, li ssoktat bl-attivitajiet tagħha wara s-sensji, ikkonformat mal-obbligi legali tagħha u pprovdiet għall-ħaddiema tagħha kif xieraq,

– kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi prevenut,

– il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

41. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[18].

42. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/691, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mmobilizzat għall-ammont ta' EUR 1 882 212, li jirrappreżenta 60 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.

43. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) 2021/691, u kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[19].

Atti relatati

44. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 1 882 212 għal-linja baġitarja rilevanti.

45. Fl-istess waqt li adottat din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046[20]. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

---

18 ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

19 ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 29.

20 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1

2024/0044 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mid-Danimarka – EGF/2023/004 DK Danish Crown

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013[21], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[22], u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjiegi diċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' eventi ta' ristrutturar kbar u billi jassistihom jirritornaw għal impjieg diċenti u sostenibbli mill-aktar fis possibbli.

(2) Il-FEG ma jistax jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[23] u fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.

(3) Fis-6 ta' Diċembru 2023, id-Danimarka ppreżentat applikazzjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema minn Danish Crown u minn żewġ fornituri u produtturi downstream fid-Danimarka. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni titqies konformi mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691,

[21] ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.
[22] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 29
[23] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

abbażi tal-valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni fil-Proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24].

(4) Għalhekk, il-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 882 212 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mid-Danimarka.

(5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tapplika mid-data meta tiġi adottata,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja tal-2024, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi l-ammont ta' EUR 1 882 212 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika minn [*id-data tal-adozzjoni tagħha*] [*].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

[24] COM(2024) 035.

[*] Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.